**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TLIETA U GĦOXRIN**
**25 ta' JANNAR, 2017**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Grima, u l-Kunsilliera Dr Jean Pierre Attard, s-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Pierre Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**ASSENTI**

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Tiffany Ann Farrugia u s-Sur Kenneth Farrugia nfurmaw li ma setgħux jattendu minħabba raġunijiet ta' studju u xogħol rispettivament. Dok 1 u 2 mehmuża.

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri nforma lis-Segretarju Eżekuttiv li ma setgħax jattendi minħabba l-istudju tiegħu.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **23.1** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 23.1.1 | | Il-Kunsillier Pierre Farrugia staqsa fir-rigward ta' punt 22.5.1 jekk kienx hemm żviluppi. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li saret laqgħa bejn il-Kunsillier Joseph D'Amato u rappreżentant tal-kumpanija li ħadmet fil-proġett ta' Ħal Millieri (Camray Ltd), fejn dawn tal-aħħar ser jagħtu rapport bi stima tax-xogħolijiet li hemm bżonn li jsiru. Tali rapport jitressaq f'seduta oħra. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 23.1.2 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato staqsa fuq punt 22.4.1. Is-Sindku nforma li t-tabib Raymond Sacco aċċetta li jisponsorja l-kaxxa li ser titpoġġa fiha d-*defibrilator machine.* |
| | | |
| 23.1.3 | | Ġew approvati l-minuti tat-tnejn u għoxrin –il seduta. |
| | | |
| ***23.2*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA, U TAL-LAQGĦAT ANNWALI U TAL-KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ*** |
| | | |
| | | |
| 23.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-seduta tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra numru 31 u tal-laqgħat annwali. |
| | | |
| 23.2.2 | | Ġew approvati l-minuti numru 22 u 23 tal-Kunsill Lokali żgħażagħ. Is-Sindku taż-żgħażagħ informa lis-Segretarju Eżekuttiv li l-attivita' tat-tfal li kienet ser issir fil-weekend li ġej ġiet ikkanċellata minħabba nuqqas ta' attendenza. |
| | | |
| | | |
| ***23.3*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SOTTO KUMITAT KULTURA U TURIŻMU U TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR*** |
| | | |
| 23.3.1 | | Ġew approvati il-minuti tas-Sotto Kumitat Kultura u Turiżmu u l-minuti numru 39 tar-Reġjun Nofsinhar.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato nforma li l-bibita' li saret nhar il-Ġimgħa kienet suċċess, fejn l-mużiċisti tal-orkestra apprezzaw il-ġest tal-Kunsill u dawk li attendew iffirmaw li kienu interessati li jkomplu jagħtu s-servizz tagħhom fl-orkestra. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li ħafna minn dawk li ma setgħux jattendu xorta wrew ix-xewqa li jkomplu bis-servizz tagħhom.<br><br>Il-Kunsillier irringrazzja lil kull min ta l-għajnuna tiegħu fir-rigward. |
| | | |
| 23.3.2 | | Is-Sindku nforma li r-Reġjun nofsinar ser jagħti ammont ta' fondi biex jintnefqu għal spejjeż ta' marki tat-toroq fil-lokalita'. |
| | | |
| ***23.4*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 23.4.1 | | Is-Sindku qal li l-attivita' tal-anzjani li saret fis-16 ta' |

| | | |
|---|---|---|
| | | Diċembru kienet suċċess u ppropona li ssir attivita' oħra għal jum il-mara bejn is-7 u it-8 ta' Marzu. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 23.4.2 | | Is-Sindku qal li l-Ministeru għall-finanzi ser jagħti fondi lill-Kunsilli Lokali li japplikaw biex ikollhom *bicycle rack*. Kien hemm qbil li f'seduta oħra l-kunsiliera jipproponu postijiet fejn għandhom jiġu nstallati.<br><br>Is-Sindku propona li ssir manutenzjoni tal-plakka tal-irħam li tinsab fis-sala tas-seduti u li jinħaslu il-purtieri tal-istess sala. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 23.4.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet it-tiġdid tal-polza tal-assigurazzjoni tal-Kunsilliera u l-istaff kemm klerikali u kemm manwali. Kien hemm qbil li l-polza tiġi mġedda.<br><br>F'dan il-ħin daħal għas-seduta l-Kunsillier Jean Pierre Farrugia (ħin 18:30) |
| | | |
| 23.4.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet email ta' risposta mil-avukat tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fir-rigward tat-tabella 'Merħba Zurrieq'.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li l-Kunsill jerġa jmexxi t-tabella 'Merħba Żurrieq' għal post fejn kienet oriġinarjament. Imma waqt diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb lill-Kummissarju Elettorali fejn jitolbu l-pjanta tal-konfini taż-Żurrieq.<br><br>Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill jikteb lid-Direttur tal-Gvern lokali fejn jurih li l-ftehim kien li l-Kunsill kellu jirċievi risposta mill-Avukat Ġenerali fuq il-konfni. Il-Kunsill ikompli jgħid li r-risposta fuq dan ir-rigward li ħa mingħand l-avukat tad-Dipartiment ma' tindirizzax il-problema ta' konfini li ressaq il-Kunsill, għaldaqstant dan il-Kunsill għadu qed jistenna r-risposta. |
| | | |
| 23.4.5 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba ta' Sinjura Balzan li qed tallega li waqt li kienet qed issuq fi Vjal ix-Xarolla, daħlet ġo ħofra u sofriet ħsarat lill-vettura. L-allegat inċident sar fl-10 ta' Diċembru, 2016 f'nofsinhar u ħamsa u r-rapport tal-pulizija marret tagħmlu erbat ijiem wara fl-14 ta' Diċembru, 2016 fil 17:29. Fir-rapport tal-pulizija stess hemm imniżżel li l-pulizija ma setghetx tara l-imsemmi ħsarat għax l-allegat ħsara kienet diġa ġiet imsewwija. Mar-rapport ġew preżentati ritratti tal-ħofra u rċevuta ta' 75Euro.<br><br>Kien hemm qbil li minħabba li r-rapport tal-pulizija ma sarx dak il-ħin tal-inċident, kif suppost li jsir, din it-talba ma tkunx milqugħa. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 23.4.6 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-kumpanija WEEE Malta hi sister company ta' Green MT u li din l-informazzjoni inġebet lilha fl-aħħar email wara li l-Kunsill kien qabel li jieħu s-servizz tal-WEEE għal materjal elettroniku żgħir. Hi qalet li l-Kumpanija Green Pak ukoll ser tibda tagħti l-istess servizz imma l-Kunsill kien laħaq ikkommetta ruħu mal-kumpanija WEEE Malta.<br>Kien hemm qbil li għalissa l-Kunsill jipprova s-servizz ta' WEEE Malta mingħajr ma jintrabat b'kuntratt, biex jara kif ikun s-servizz. |
| | | |
| | | |
| ***23.5*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 23.5.1 | | Is-Sindku staqsa fuq l-iskema li ħareġ il-Gvern fuq il-manutenzjoni tad-djar. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tablet lid-dipartiment aktar informazzjoni ta' kif għandha timxi fuq din l-iskema u ġiet infurmata li d-Dipartiment ser jibgħat linja gwida lill-Kunsilli kollha fir-rigward. |
| | | |
| ***23.6*** | | ***Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi*** |
| | | |
| | | |
| 23.6.1 | | Is-Sindku talab li ssir un/loading bay fi Vjal il-Blue Grotto quddiem ħanut tal-ispare parts tal-karozzi. Kien hemm qbil li tintalab l-approvazzjoni ta' TM. |
| | | |
| 23.6.2 | | Il-Viċi Sindku Rita Grima nfurmat li kellha ilment li siġar taż-żebbuġ fil-proġett ta' Ħal Millieri kienu tegħlin mawġin. Il-Kunsillier David Abdilla u Joseph D'Amato, kkonfermaw lid an mhux minnu. |
| | | |
| 23.6.3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa biex isir fanal stil antik fi Sqaq l-Innoċenti. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 23.6.4 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-orkestra taż-Żurrieq, ser ittella kunċert ieħor fl-Imdina fit-18 ta' Frar fis-19:30 u li għalih ser tkun preżenti l-Eċċ.tagħha l-President ta' Malta. Il-maġġor parti ta' dan il-kunċert ser tkun iffinanzjata minn NGO tas-saħħa u l-Kunsill mhux ser joħroġ aktar minn 300Euro spiża ta' kollox. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 23.6.5 | | Il-Kunsillier David Abdilla qal li membri mill-Kunsill ta' Pedara ser jiġu Malta bejn l-10 u t-12 ta' Frar, imam s'issa għadhom ma kkonfermawx fejn ser joqgħodu u kemm ġejjin persuni. Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa jibgħat reminder lid-Dipartiment biex japprova dan il- |

| | | |
|---|---|---|
| | | ġemellaġġ. Il-programm taż-żjara ta' dawn il-persuni ser jinħadem mill-Kunsilliera David Abdilla u Joseph D'Amato, fejn fost l-oħrajn ser jittieħdu fil-każini tal-baned u sportivi. |
| | | |
| 23.6.6 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici ppropona li l-Kunsill jorganizza tournament sportiv bejn iz-Zurrieq FC Nursery u ż-Zurrieq Wolves u għaqda sportiva oħra minn Sqallija u f'dan it-tournament jiġi ffirmat il-ftehim bejn iż-żewġ għaqdiet sportivi tar-raħal.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsillier Dino Bonnici jġib stima tal-ispejjeż involuti biex jiġu approvati mill-Kunsill. |
| | | |
| 23.6.7 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici talab dan li ġej:<br>• Żabra ta' siġra taż-żebbuġ li tinsab viċin il-grawnds ta' Triq P P Pullicino;<br>• Patching fi Triq il Karmnu fejn mini market<br>• Tiswija ta' tappiera li tħabbat fi Vjal ix-Xarolla viċin il-ħanut tal-ħut.<br><br>Kien hemm qbil li jsir ix-xogħol kollu mitlub. |
| ***23.7*** | | ***Bye Law – Tabelli*** |
| | | |
| 23.7.1 | | Il-Kunsilliera Joseph D'Amato, Jean Pierre Attard u Pierre Farrugia, kellhom laqgħa bejniethom fejn ġiet diskussa l-bye law preżenti.<br>Dawn iddeċidew li l-bye law eżistenti hi tajba u jeħtieġ li tkun infurzata. Irid ikun hemm distinzjoni bejn riklamar kummerċjali u dak domestiku li jkun għal ftit jiem. Il-pubbliku jrid ikun infurmat tajjeb b'din il-bye law u l-Kunsill għandu jibda jirregolarizza dak ir-reklamar kummerċali u jgħati massimu ta' 5 tabelli standard għal kull kummerċ.<br><br>Il-Kunsillier Jean Pierre Attard għandu jfassal punti li ser jiġu mqassma lill-ħwienet kollha tal-lokal fejn il-Kunsill jagħti linja gwida ta' dak mitlub minnhom biex tali tabelli jkunu approvati mill-Kunsill. |
| | | |
| | | |
| ***23.8*** | | ***Pjan ta' Ħidma 2017-2019*** |
| | | |
| 23.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-Pjan ta' Ħidma li għamlet u li kien tqassam lill-Kunsilliera qabel is-seduta. Dan ġie approvat biex jiġi uploadjat. |
| | | |
| 23.8.2 | | Tqassam ukoll il-quarterly report tal-ewwel kwart u ġie approvat biex jiġi uplowdjat. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| **23.9** | | ***Sular ġdid fuq l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali*** |
| | | |
| 23.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-risposta tal-perit tal-Kunsill fejn kienet tgħid li l-Kunsill jista jtella sular ieħor fuq l-uffiċċju eżistenti li jiġi tad-daqs tal-ewwel sular.<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jipposponi il-ħsieb ta' dan is-sular u jerġa jitlob laqgħa mal-Onorevoli Deborah Schembri fejn jerġgħa jitloba l-art ta' Triq G M Callus li l-Kunsill kien imwiegħed li ser jieħu.<br><br>F'dan il-ħin il-Kunsillier David Abdilla ħareġ mis-seduta (ħin 20:20) |
| | | |
| | | |
| **23.10** | | ***Kuntratt ta' kirja ta' klassi fl-iskola primarja taż-Żurrieq.*** |
| | | |
| 23.10.1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li kellu diversi laqgħat mal-kap tal-iskola flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u dan qabel mal-ftehim li tressaq fis-seduta tal-Kunsill. Dok mehmuż. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan il-ftehim ser jitressaq għall-attenzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali għall-approvazzjoni tiegħu u jkunu jistgħu jibdew jinġabru kwotazzjonijiet tax-xogħol li hemm bżonn biex tali klassi tkun rinovata.<br><br>Il-punti tal-ftehim li kien hemm qbil fuqhom huma dawn:<br><br>**Kundizzjonijiet sabiex jitniżżlu fil-kuntratt tal-kmamar tal-iskola**<br><br>1. Il-kmamar involuti jibqgħu propjeta' tal-iskola.<br>2. Il-Kunsill iwettaq xogħol ta' dawl u madum tal-art mill-ġdid.<br>3. Is-sala tkun tista tibqa tiġi użata kemm mill-Kunsill Lokali u kemm mill-iskola. Il-Kunsill jista' juża kemm għall-provi u għal attivitajiet oħra tal-Kunsill.<br>4. Il-Kunsil ikollu aċċess għat-*toilets* u l-kċina kif ukoll għal kamra oħra fil-kurutur fejn se jpoġġi l- |

| | | |
|---|---|---|
| | | isturmenti tal-mużika us- siġġijiet.<br>5. L-ewwl sena tkun bla ħlas u għas-snin sussegwenti titħallas miżata annwali ta' €350.<br>6. Tindif u *utility bills* responsabilta' tal-iskola .<br>7. Dan il-ftehim ikun jgħodd għal għaxar snin mid-data tal-kuntratt.<br>8. Il-propjeta mobbli li titwahhal mill-Kunsill Lokali (ez. Airconditions, sound system, projector etc) jibqghu propjeta tal-Kunsill jekk jigi terminat dan il-ftehim.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qed jiġbor stimi ta' projector u sound għal-istess sala.<br>Il-Kunsill ta l-approvazzjoni li hekk kif jinġiebu l-istimi neċessarji, jkunu jistgħu jibdew ix-xogħlijiet immedjatament ħalli ma jintilifx ħin u s-sala tkun tista tibda tintuża fl-immedjat. |
| | | |
| ***23.11*** | | ***Performance Reports tal-impjegati*** |
| | | |
| 23.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapporti tal-performance appraisals tal-impjegati. Hi pproponiet li l-Kunsill jagħti l-ammont massimu lit-tliet impjegati li għandu bħalissa l-Kunsill u l-minimu tal-ammont lill-impjegat li ttermina l-impjieg tiegħu mal-Kunsill f'Ottubru, 2016. Hi ressqet ir-rapporti u ġew approvati. |
| | | |
| 23.11.2 | | F'dan il-ħin is-Segretarju Eżekuttiv ħarġet mis-seduta.<br>Is-Sindku Ignatius Farrugia ressaq ir-rapport tal-performance appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv fejn ipropona li tingħata l-massimu tal-ammont. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>Dan ir-rapport flimkien ma' estratt tal-minuti ser jitressqu għall-attenzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex japprova tali performance bonus. |
| | | |
| ***23.12*** | | ***Outdoor gym*** |
| | | |
| 23.12.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet draft ta' *Agreement for the administration of premises between Sportmalta and the Zurrieq Local Council* fir-rigward ta' ex-pitch tal- |

| | | |
|---|---|---|
| | | boċċi fi Triq P P Pullicino.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ressqet dan l-abbozz ta' ftehim għall-attenzjoni tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, kellha laqgħa mad-Direttur u l-avukat tad-Dipartiment fejn raw id-draft tal-kuntratt. Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-ittra ta' risposta li l-avukat tad-Dipartiment bagħtet lill-Kunsill. Estratt mill-istess ittra tresqet għall-attenzjoni ta' Sportmalta, biex isir it-tibdil meħtieġ.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li minħabba l-urġenza li fih dan il-ftehim bdiet taħdem fuq tender li ġiet ukoll imressqa għall-approvazzjoni tad-Dipartiment, fejn din ġiet approvata u maħruġa. Din it-tender tagħlaq fid-9:30 tat-3 ta' April, 2017. |
| | | |
| ***23.13*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 23.14.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 2** għall-ammont totali ta' **€33,043.63**<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato ġibed l-attenzjoni fuq pagament numru 72. Hu qal li din il-kumpanija naqqset l-ammont dovut mill-Kunsill, bis-saħħa tal-ġbied tal-attenzjoni tiegħu fuq il-każ. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li darb'oħra l-Kunsill ma jmissux ħa passi fuq xogħol li hu dovut li jagħmel il-Gvern Ċentrali.<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u l-Viċi Sindku Rita Grima u mill-Kunsillier Pierre Farrugia. |
| | | |
| ***23.15*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 23.15.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-20:45. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 15ta' Frar, 2017 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsillier Jean Pierre Farrugia nforma li fil-15 ta' Frar, mhux ser ikun jista jattendi minħabba funzjoni familjari. |
| | | |

Konfermati, illum 15 ta' Frar, 2017.

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**